TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 258/10

**Brian Attard**
**vs**
**Phone Box**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Ġunju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u ħamsa u tletin ewro (€235), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li għalkemm inxtara minn barra, ħadu għat-tiswija, u wara li ħadu għat-tiswija kellu aktar ħsarat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *mobile phone* minn barra minn Malta u wara ftit xhur dan il-*mobile phone* beda jkollu xi difetti u ħadu għand is-soċjeta' intimata sabiex isewwih.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi dan il-*mobile phone* kien *second hand* u jkun fih ħafna *corrosion.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata minkejja li debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, ma dehrietx għas-seduta.

Illi l-intimat, għalkemm issottometta risposta, m'attendiex għas-seduta sabiex jagħti spjegazzjoni għal dak li kien qed jgħid u għat-Tribunal dan mhux aċċettabbli. Minkejja li ssottometta xi dokumenti wkoll, it-Tribunal jistenna illi għandu jagħti spjegazzjoni quddiem dan l-istess Tribunal. Illi dan in-nuqqas ta' nteress juri ċertu nuqqas ta' serjeta' wkoll.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti jinnota illi r-rikorrenti ddikjara li kien xtara dan il-*mobile phone* ġdid, waqt li l-intimat qal li dan il-*mobile phone* kien *second hand.*

Minħabba l-fatt illi l-verżjoni tas-soċjeta' intimata ma ġietx ikkollaborata, t-Tribunal m'għandux għażla oħra ħlief li qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**